MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru 19/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Matthew Mizzi**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Frar 2014 dwar eccezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat.

**2.** Matthew Mizzi kien akkużat permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Lulju 2013 (nru 19/2013) li: (1) sar kompliċi ta` serq ta' oggetti tal-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid, tentattiv t'omiċidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (għata tal-wiċċ) u valur; (2) fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew ġarr barra minn fond jew fid-dintorni tiegħu arma tan-nar jew munizzjon mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija; (3) fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) saq vettura Hyundai Accent LAA741 mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan; (4) iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b`qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

**3.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu l-akkużat talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni, ċaħdet it-tieni parti tat-tielet eċċezzjoni u laqgħet l-ewwel parti tat-tielet eċċezzjoni (salv li jsiru l-korrezzjonijiet indikati fir-rikors ta' appell), u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u minflok tilqagħha skond il-liġi u tgħaddi sabiex tagħti d-direttivi opportuni ai termini ta' l-artikolu 499(6) tal-Kodiċi Kriminali.

**4.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fit-30 ta' Lulju 2013 l-akkużat appellant eċċepixxa:

(1) In-nullita` ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuzża, u dan għal żewġ raġunijiet: 1) Fl-ewwel lok il-fatti kif esposti mill-Avukat Ġenerali f'dan il-Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Ġenerali qiegħed jakkuża bih lill-esponent f'dan il-Kap; u 2) Fit-tieni lok, u dejjem bid-dovut rispett lejn l-Avukat Ġenerali, l-istess Avukat Ġenerali ikkrea dan l-aggravju — liema aggravju ma jirriżulta bl-ebda mod mill-provi miġbura waqt l-istruttorja — liema aggravju ikkreat jippreġudika lill-esponent tali mod illi fin-nuqqas tiegġu, il-proċeduri odjerni kienu jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati u allura mhux ta' din l-Onorabbli Qorti. Fi ftit kliem dak li qiegħed jingħad hawn huwa li l-Avukat Ġenerali, dejjem bir-rispett dovut, addebita lill-esponent b'aggravju li ma jeżistix, u dana bil-għan speċifiku li l-esponent jgħaddi ġuri minflok ma jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kniminali;

"(2) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-akkużat jeċċepixxi l-inamissibilita` ta' l-istqarrijiet ta' l-istess akkużat Matthew Mizzi (Dok AD3, Dok AD4 u DOK AD5), u dana stante illi dawn saru mingħajr assistenza legali, u konsegwentement jitlob l-isfilz ta' l-istess mill-atti, kif ukoll kwalsiasi referenza ta' kwalunkwe xhud ghall-istess stqarrijiet. Di piu`, din l-eċċezzjoni ssib sostenn tagħha tenut kont l-eta` tenera, il-fedina penali nettissima ta' l-akkużat u allura l-inesperjenza tiegħu f'ambjent ta' interrogatorju mill-Pulizija;

"(3) Illi bla preġudizzju għas-suespost qiegħed jiġi eċċepit illi l-istqarrija ta' Jonathan Coleiro ma tagħmilx prova kontra l-esponenti u tista' tintuża biss għal finijiet ta' kontroll b'dana illi m'għandha bl-ebda mod titqassam lill-ġurati. Inoltre, l-Imħallef li ser jippresjedi l-ġuri għandu, ai termini ta' l-Artikolu 639(3)jaghti "direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu hati".

**5.** Din il-Qorti sejra issa tirreferi għall-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata li tagħhom l-appellant qiegħed jitlob ir-revoka (l-ewwel eċċezzjoni) jew li ssir korrezzjoni (it-tielet eċċezzjoni):

"**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – In-Nullita` tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża</u>**

**"Fil-fehma tal-Qorti l-Ewwel Kap jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-artikolu 589 kif elenkati fl-erba' subinċiżi. Il-fatti jkopru l-kompliċita` f'serqa b'diversi gravanti u kompliċita` f'tentattiv ta' qtil. Kemm l-akkuża kif ukoll il-konsegwenzi jorbtu mal-fatti. U għalhekk ma jistax jingħad li l-fatti ma jikkostitwux l-elementi tar-reati msemmijin jew li b'xi mod m'għandhomx x'jaqsmu mal-artikoli indikati fil-piena (b'mod partikulari l-artikolu 273 tal-Kap 9.**

**"L-akkużat jissottometti li l-Avukat Ġenerali ħoloq dan l-aggravju li ma jirriżultax mill-provi miġbura waqt l-istruttorja. F'dan l-istadju mhux kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fil-mertu. Jekk l-Avukat Ġenerali ġabarx provi biżżejjed għal dak li qed jallega huwa fatt li jridu jiddeċiduh il-ġurati wara li jisimgħu l-provi kollha.**

**"L-akkużat jallega wkoll li l-ħolqien ta' dan l-aggravju sar sabiex il-każ tiegħu jinstema' mill-Qorti Kriminali u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Huwa u jelabora aktar dwar dan il-punt (a fol 12), l-akkużat jgħid li :**

**"*<u>'A skans ta' ripetizzjoni, mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta (almenu sal-grad tal-prima facie) illi l-akkużat kien kompliċi ma' Jonathan Coleiro biex isir hold-up fuq il-ħanut 'Seven Mobiles.'</u>***

**"Din il-Qorti eżaminat l-artikolu 370(1) tal-Kap 9 li jillimita l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati għal piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur. Dak li jalludi għalih (bla ma ssir ebda ammissjoni) l-akkużat fil-paragrafu sottolineat diġa` jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont l-artikolu 370(1) tal-Kap 9.**

**"Barra minn hekk meta jkun applikat l-artikolu 370(3)(a), dan isir jekk l-Avukat Ġenerali jidhirlu li r-reat li jkun allegat li wettqet persuna huwa suġġett għal piena ta' aktar minn sitt xhur iżda mhux aktar minn għaxar snin. L-akkużat jista' joġġezzjona jew ma joġġezzjonax għal tali deċiżjoni imma huwa l-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi dwar f'liema Qorti għandu jinstema' l-każ u mhux l-akkużat.**

**"L-akkużat jissottometti wkoll li fl-atti m'hemmx prova ta' 'common design' bejn Coleiro u l-akkużat biex Coleiro jispara fuq Charles Zammit.**

**"Dwar din is-sottomissjoni l-Qorti tirreferi għal dak li diġa` qalet aktar 'il fuq – li deċiżjoni dwar jekk hemmx 'common design' jew le ma titteħidx f'dan l-istadju għax huwa kompitu tal-ġurati li jiddeċiedu jekk il-Prosekuzzjoni ġabitx it-tali prova jew le. Din hija deċiżjoni fuq fatt u l-ġurati biss jistgħu jiddeċiedu fatt kienx ipprovat jew le.**

**"L-akkużat jissottometti wkoll li l-akkużat m'għandux jaqsam mal-isparar fuq Charles Zammit huwa rikonoxxut mill-Avukat Ġenerali stess bil-mod kif iddeskriva l-inċident. L-akkużat jkkwoota dik il-parti tal-fatt li tidher a fol 2 fl-ewwel vers: 'Charles Zammit ħassu urtat......fid-direzzjoni tiegħu' (vers numru 6).**

**"Iżda n-narrattiva tal-fatti ma jiqfux hawn għaliex l-Avukat Ġenerali jkompli jżid: '.........minkejja li kien milqut b'tir t'arma tan-nar (Charles Zammit) xorta baqa' jiġri wara Jonathan Coleiro pero` l-istess Jonathan Coleiro daħal fil-karozza Hyundai LAA 741 fejn kien qed jistennieh l-akkużat Matthew Mizzi u telqu minn fuq il-post lejn Bormla.'**

**"L-akkużat jinjora din il-parti tan-narrativa, parti li tagħti kwadru aktar sħiħ ta' x'seħħ u li issa jkun f'idejn il-ġurati x'konklużjonijiet ser jiġbdu dwarha wara s-smigħ tal-provi.**

**"Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-ewwel eċċezzjoni – mill-akkużat msejħa l-ewwel aggravju.**

**"It-tieni parti tal-eċċezzjoni – dik li l-akkużat isejjaħ bħala t-tieni aggravju – tiffoka fuq li l-Avukat Ġenerali ma seta' qatt jakkuża lil Matthew Mizzi b'serqa aggravata bil-vjolenza (tentattiv ta' omiċidju). Waqt it-trattazzjoni, l-akkużat**

**spjega dan l-aggravju billi rrefera għall-komunikabilita` fis-sens tal-artikolu 45 tal-Kap 9.**

**"Dwar il-komunikabilita` (fil-kompliċita`) din il-Qorti ser tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit tal-20 ta' Jannar 2011. Is-silta li qed tirreferi għaliha din il-Qorti hija din li ġejja:**

**"'9. In materja ta' komplicita`, tajjeb hawn li ssir referenza għal dak li jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo:**

**"'... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary, will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani puts the rule in the following words: *'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita`del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita` la quale e` inerente alle qualita` ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi` qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita` connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita` medesime.'***

**"'....**

**"'... when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**

**"'i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**

**"'ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means ('eccesso nei mezzi') and excess in the purpose ('eccesso nel fine'). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means used are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result.**

**"'This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravating act at the time of its perpetration, and being able to prevent it, did not do so."**

**"'10. Francesco Antolisei wkoll josserva:**

**"'Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera`considerare se l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio` eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."**

**"'L-istess awtur jirreferi għal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn gie ritenut li "in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso uno degli aggrediti, ha ritenuto la responsabilita` per omicidio volontario ex art. 116 C.P. di tutti i concorrenti nella rapina."'**

**"Fid-dawl tal-insenjament ta' din is-sentenza l-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni tal-akkużat li l-Avukat Ġenerali mar 'l hemm minn dak li seta' jniżżel fl-att tal-akkuża jew li qabad u żied mal-piżijiet tal-akkużat billi introduċa akkużi bla ebda bażi. Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tas-sottomissjoni fejn l-akkużat jgħid li l-konsegwenzi fil-piena ser ikunu aktar serji minħabba li l-Avukat Ġenerali sejjes l-Ewwel Kap fuq dak li deherlu li jwasslu għalih il-provi miġbura. (Ara fol 13).**

**"Tassew li min jippresjedi l-ġuri jrid ukoll ifiehem lill-ġurati n-natura tal-komunikabilita` skont il-liġi u l-ġurisprudenza tagħna. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li hemm xi nullita` fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża. Għal darb'oħra l-Qorti qed tiddeċiedi li dak li hemm fl-Ewwel Akkuża jrid jgħaddi mill-iskrutinju tal-ġurati. Huwa f'idejhom biss li jistabilixxu jekk il-provi jwasslux jew le għall-akkuża kif inhi – bil-komunikabilita` b'kollox - jew għal xi alternattiva oħra li hija kompriża fit-tali akkuża.**

**"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din it-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni li l-akkużat isejjaħ it-tieni aggravju u li tikkomprendi wkoll komputazzjonijiet ta' piena u/jew ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Maġistrati.**

**"Isegwi li l-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.**

**"….**

**"<u>It-tielet Eċċezzjoni – L-istqarrija ta' John Coleiro u d-Direzzjoni lill-ġurati skont l-artikolu 639(3).</u>**

**"Il-Qorti tirreferi għall-artikolu 661 tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:**

**"'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.'**

**"'L-istqarrija' (u mhux ix-xhieda) ta' John Coleiro għalhekk tista' tintuża bħala forma ta' kontroll għal dak li jgħid ix-xhud. Din m'għandhiex titqassam lill-ġurati.**

**"Din l-eċċezzjoni tirreferi wkoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 639(3) li jgħid hekk:**

**"*'(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xhieda li dak ix-xhieda jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.'***

**"Mill-kliem ta' dan l-artikolu l-Imħallef għandu jagħti d-direttiva lill-ġurati dwar kif jiżnu x-xhieda ta' kompliċi sakemm fil-proċess ikun hemm xhud wieħed biss kontra l-akkużat. Jekk fil-proċess ikun hemm aktar minn xhud wieħed, allura s-subinċiż (3) tal-artikolu 639 ma japplikax.**

**"Għalhekk deċiżjoni dwar din it-tieni parti tat-tielet eċċezzjoni tkun tista' tingħata biss wara li jinstema' l-proċess kollu u mhux f'dan l-istadju.**

**"Konsegwentement il-Qorti qed tilqa' l-ewwel parti tat-tielet eċċezzjoni u qegħda f'dan l-istadju tiċħad it-tieni parti tat-tielet eċċezzjoni għaliex deċiżjoni dwar x'direzzjoni għandha tingħata lill-ġurija tista' tittieħed biss wara s-smigħ tax-xhieda kollha li jinstemgħu waqt il-ġuri."**

**6.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Huwa jgħid:

"In sintezi, permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu, r-rikorrent eccepixxa n-nullita' ta' l-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u dan ghal zewg ragunijiet, u cioe: 1) illi 1-fatti kif esposti f'dan il-kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat, u 2) illi, bid-dovut rispett lejn l-Avukat Generali, ir-rikorrent gie addebitat b'aggravju l-elementi ta' liema ma irrizultaw bl-ebda mod mill-provi migbura waqt l-istruttorja.

"L-ewwel Onorabbli Qorti cahdet din l-eccezzjoni tar-rikorrent billi, ghal dak li jirrigwardja l-ewwel raguni mressqa mir-rikorrent, il-Qorti rritjeniet li kemm l-akkuza, kif ukoll il-konsegwenzi jorbtu mal-fatti; u ghal dak illi jirrigwardja t-tieni raguni mressqa mir-rikorrent il-Qorti irritjeniet illi m'huwiex kompitu taghha li tidhol fil-mertu ghax dak huwa fatt li jridu jiddecieduh l-gurati wara s-smiegh tal-provi waqt il-guri.

"Illi bid-dovut rispett, ir-rikorrent ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Onorabbli Qorti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

"Ghal dak li jirrigwardja l-ewwel ilment tar-rikorrent, u cioe` li l-fatti kif esposti f'dan l-ewwel Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat, dan certament ma jfissirx li r-rikorrent qieghed jitlob lill-Qorti Kriminali biex tidhol fil-mertu tal-provi minflok il-gurati, pero` d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali, kif kristallizzati permezz ta' l-insenjament car u kostanti tal-qrati nostrani huma illi l-fatt migjub f'Kap ta' Att ta' Akkuza ghandu jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess Kap. Issa jekk wiehed jara l-fatti kif esposti fl-ewwel Kap, jirrizultalu illi l-kaz de quo jippernja fuq hold-up allegatament imwettaq minn certu Jonathan Coleiro u r-rikorrent. L-involviment tar-rikorrent huwa limitat, dejjem skond dak li qieghed jallega l-Avukat Generali, ghall-fatt li huwa pprokura arma u assista lil Jonathan Coleiro f'dan il-hold up billi qaghad jistennieh f'dik li kellha tkun il-getaway car. Dawn il-fatti, dejjem minghajr pregudizzju ghall-veracita` o meno taghhom, jikkonfiguraw lir-rikorrent Matthew Mizzi bhala ko-awtur jew komplici **f'hold up**. Imkien ma' dawn il-fatti jikkostitwixxu l-elementi ta' tentattiv ta' omicidju volontarju – aggravju imputat lir-rikorrent fil-parti akkuzatorja. Fil-fatt, fil-parti narrattiva/espozittiva 1-Avukat Generali jghid, *verbatim*, is-segwenti: *"waqt li Charles Zaimmit kien qieghed jigri warajh, Jonathan Coleiro … dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Charles Zammit f'periklu car, spara diversi tiri fid-direzzjoni tieghu."* Dan il-bran jaghmel sens legali kieku hawnhekk

ghandna lil Jonathan Coleiro akkuzat jew imputat bl-aggravju bit-tentattiv ta' omicidju u mhux ir-rikorrent. F'ebda parti tal-parti narrattiva ma ssir imqar allegazzjoni li r-rikorrent Matthew Mizzi b'xi mod kellu xi hsieb jew intenzjoni li joqtol jew iqieghed il hajja ta' Charles Zammit f'periklu car. Kwindi, ma jaghmel ebda sens legali u lanqas huwa gust li fil-parti akkuzatorja ta' l-istess Kap, Matthew Mizzi jigi akkuzat bhala komplici ta' serq ikkwalifikat, inter alia, b'tentattiv ta' omicidju volontarju.

"Ghal dak li jirrigwardja t-tieni ilment tar-rikorrent, u cioe li r-rikorrent gie addebitat b'aggravju l-elementi ta' liema ma irrizultaw bl-ebda mod mill-provi migbura waqt l-istruttorja r-rikorrent, dejjem bid-dovut rispett, ma jaqbilx mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi ghandhom ikunu 1-gurati li jistabbilixxu 'jekk il-provi iwasslux jew le ghall-akkuza kif inhi'. Ghal fini ta' korrettezza, ir-rikorrent jirrikonoxxi li fl-ahhar mill-ahhar huma l-gurati li huma unikament u esklussivament vestiti bil-kompetenza biex jistabbilixxu jekk il-provi iwasslux jew le ghall-akkuza kif inhi, pero`, kif forsi sfugga wkoll lill-ewwel Onorabbli Qorti, l-aggravju tar-rikorrent ma kienx f'dan is-sens.

"Kif spjega fin-nota tas-sottomissjonijet tieghu, filwaqt li 1-Avukat Generali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkuzi jressaq f'Att ta' Akkuza, imbaghad ikun f'idejn il-gurati li jiddeciedu jekk tali akkuzi jkunux gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi jew le, l-istess Avukat Generali ghandu jibni l-Att ta' Akkuza fuq il-provi migbura waqt l-istruttorja. Dan jigifieri li m'ghandux jikkrea akkuzi u/jew aggravji sabiex jaghmel il-kaz aktar oneruz fuq l-akkuzat jew sabiex kaz li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati jittella' fil-Qorti Kriminali quddiem il-gurati. Bl-akbar rispett hekk jidher li gara f'dan il-kaz. A skans ta' ripetizzjoni, mill-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta (almenu sal-grad tal-prima facie, imbaghad min ser jiggudika jara jekk jirrizultax sal-grad tac-certezza morali) illi 1-esponent kien komplici ma' Jonathan Coleiro biex isir hold-up fuq il-hanut Seven Mobiles sitwat fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Il-ftehim kien, u dana dejjem qieghed jinghad ghas-sahha ta' l-argument biss, u strettament minghajr pregudizju ghall-mertu, li l-akkuzat isuq lil Jonathan Coleiro fuq il-post, Jonathan Coleiro jinzel b'arma tan-nar illi kellu jipprokuralu l-esponent u jwettaq il-hold-up – u cioe` li jipponta l-pistola lejn il-proprjetarju u jitolbu l-flus, u mbaghad Coleiro jirritorna fil-vettura u l-esponent isuq minn fuq il-post. Minn imkien mill-atti ta' l-istruttorja ma jirrizulta li l-esponent u Jonathan Coleiro kellhom xi ftehim, xi hsieb komuni, xi common design li jittentaw joqtlu lil Charles Zammit. Kien Jonathan Coleiro biss li fi stadju partikolari ifforma l-hsieb li joqtol lil Charles Zammit jew li iqeghdlu hajtu f'periklu car, u sparalu

diversi tiri. F'dan ix-xenarju, dejjem bl-akbar rispett, huwa zbaljat l-Avukat Generali li jaddebita lill-esponent b'komplicita` f'serqa aggravata b'tentattiv ta' omicidju volontarju.

"Illi dan in-nuqqas da parti ta' l-Avukat Generali huwa wiehed preokkupanti ghaliex kieku l-istess Avukat Generali ma 'ikkreax' dan l-aggravju, kieku l-kaz fil-konfront ta' l-esponent kien jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux ta' din 1-Onorabbli Qorti. Ghal dak li jirrigwarda dan l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, mill-atti tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali seta' legittimament u ragjonevolment jakkuza lill-esponent b'komplicita` f'serqa aggravata bil-valur (li jeccedi l-2,329.37 Ewro), bil-mezz (ghatta tal-wicc), u bil-vjolenza (armi u theddid).

"F'dan il-kuntest il-piena applikabli kienet tkun dik ravvizata fl-Artikolu 277(b) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` sa massimu ta' sitt (6) snin prigunerija. Evidentement piena li taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati u mhux ta' din 1-Onorabbli Qorti. Ghal raguni inspjegabbli, izda, l-Avukat Generali addebita lill-esponent bl-aggravju tal-vjolenza (tentattiv ta' omicidju) ai termini ta' l-Artikolu 273 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta, minkejja li dan l-aggravju, evidentement, ma jirrizultax fil-konfront ta' l-esponent Matthew Mizzi, biex b'hekk il-piena massima applikabbli giet dik ta' ghoxrin (20) sena minflok sitt (6) snin. B'dan il-mod, minflok ma inhargu l-artikoli u baghat lill-esponent biex ikun iggudikat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif b'kull rispett, kien dmiru li jaghmel fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, hareg din l-Att ta' Akkuza bi pregudizzju serju u ingust ghall-esponent, li allura jkollu jaffaccja guri u piena massima ta' ghoxrin (20) sena prigunerija, minflok is-sitt (6) snin li legittimament u ragjonevolment ghandu jkun espost ghalihom quddiem 1-Qorti tal-Magistrati.

"Kif tista' tapprezza din 1-Onorabbli Qorti, din il-parti ta' l-ewwel aggravju tar-rikorrent tmur ferm lilhinn minn sempliciment apprezzament ta' provi – li r-rikorrent jaqbel perfettament li tali apprezzament ghandu jsir mill-gurati. L-ilment tar-rikorrent huwa fir-rigward tad-diskrezzjoni li jgawdi l-Avukat Generali li allura, bir-ragunament ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, jista' johrog Att ta' Akkuza jew Kap f'Att ta' Akkuza fejn jakkuza persuna b'reati jew aggravji ghal reati li ma jirrizultaw minn imkien, bil-konsegwenza, bhal f'dan il-kaz li tali diskrezzjoni insindakabbli ta' l-Avukat

Generali tirreka pregudizzju serju lill-akkuzat. F'dan il-kaz id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali li permezz taghha ghazel li jaddebita lir-rikorrent bit-tentattiv ta' omicidju m'hijiex sempliciment limitata ghal semplici kwistjoni ta' fatt biex tigi ggudikata mill-gurati, izda ghal kwistjoni li sahansitra timpingi fuq id-dritt ta' fair trial kif sancita fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea. Dan ghar-raguni fuq imsemmija illi kieku 1-Avukat Generali mexa fuq ir-rizultanzi ta' l-istruttorja u akkuza lill-esponent b'komplicita` f'serqa aggravata bil-valur (li jeccedi 1-2,329.37 Ewro), bil-mezz (ghatta tal-wicc), u bil-vjolenza (armi u theddid), il-piena massima li setgha jehel ir-rikorrent f'kaz ta' htija, kienet tkun dik ta' massimu ta' sitt (6) snin prigunerija – piena li kienet iggib maghha l-hrug ta' 1-Artikoli u li l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Minflok, bid-decizjoni insindakabbli ta' l-Avukat Generali, jmur lilhinn mir-rizutanzi ta' l-istruttorja u arbitrarjament jaddebita lir-rikorrent bl-aggravju tat-tentattiv ta' omicidju, l-istess Avukat Generali qieghed jissoggetta lir-rikorrent ghall-iskarigg ta' guri u ghall-piena massima ta' ghoxrin (20) sena prigunerija minflok dik ta' sitt snin li ragonevolment kellha tispetta lir-rikorrent f'kaz ta' sejbien ta' htija. Ghalkemm fl-ahhar mill-ahhar ser ikunu l-gurati li jiddeterminaw jekk l-aggravju tat-tentattiv ta' omicidju jissussistix jew le, u naturalment, il-gurati jistghu liberament ma jsibux htija ghal dak li jirrigwardja dan l-aggravju, r-rikorrent huwa ta' l-umili fehma li l-fatt biss li 1-Avukat Generali qieghed jaddebitalu dan l-aggravju, meta dan oggettivament ma jirrizultax, qieghed jimpingilu fuq id-drittijiet tieghu kif sanciti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea."

**7.** Mela fl-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju tiegħu dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-appellant isostni illi l-fatti kif esposti fl-Ewwel Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat.

**8.** Huwa evidenti li din l-eċċezzjoni hi msejsa fuq dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9, u cioe` li l-Att ta' Akkuża jkun null "meta l-fatt miġjub fl-Att ta' l-Akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att."

**9.** Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat

f'dak l-Att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue**, 15 ta' Frar 1996; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et**, 22 ta' Mejju 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 22 ta'April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il-fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.

**10.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:

> **"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "fis-sustanza" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita` tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skond il-każ). L-iskop kemm ta' din id-disposizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess *proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta`, huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat."**

**11.** Bil-kelma "reat" fl-imsemmi artikolu 449(5)(b), wieħed għandu neċessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jiġu dedotti skond il-liġi. F'dan il-każ, għalhekk, wieħed irid jara jekk, fil-parti espożittiva ta' l-Ewwel Kap, hemmx fis-sustanza l-elementi tas-serq bil-kwalifika li jilmenta

dwarha l-appellant, cioe` dik tal-vjolenza bl-addebitu ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju.

12. Il-parti narrattiva ta' dan il-Kap. tgħid testwalment:

> "Illi fit-tlettax (13) t`April tas-sena elfejn u disgha (2009) l-akkuzat Matthew Mizzi flimkien ma` siehbu Jonathan Coleiro ftehmu li jaghmlu hold-up f`hanut bl-isem ta` Seven Mobiles li jinsab Triq Salvu Psaila, Birkirkara. Fil-fatt l-akkuzat Matthew Mizzi iddecieda xjentment li jghin u jassisti lil Jonathan Coleiro f`dan il-hold-up tant li fit-13 t`April 2009 Matthew Mizzi ikkonsenja lil Jonathan Coleiro arma tan-nar (revolver) sabiex din l-arma tigi eventwalment uzata fl-imsemmi hold-up. Dakinhar stess ghall-habta` tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18.30pm) Matthew Mizzi u Jonathan Coleiro marru flimkien Birkirkara b`vettura Hyundai LAA741 misjuqa minn Matthew Mizzi bl-intenzjoni li jaghmlu din is-serqa. X`hin waslu hemm, Jonathan Coleiro dahal gol-hanut Seven Mobiles b`wiccu mghammad u armat bl-arma tan-nar (revolver) li kien tah Matthew Mizzi u sab quddiem wiccu lis-sid tal-hanut certu Charles Zammit, heddu li se jwegghu, ipponta l-arma tan-nar li kellu f`idejh u mill-ewwel spara tir lejn Charles Zammit pero` fortunatament ma` laqtux. Jonathan Coleiro zamm u ssekwestra lil Charles Zammit kontra l-volonta` tieghu u gieghlu jidhol f`karma ohra fl-istess hanut sabiex ikun jista jwettaq is-serqa minghajr ebda xkiel. Waqt li Charles Zammit kien f`din il-kamra, Jonathan Coleiro seraq ammont ta` oggetti minn dan il-hanut fosthom tliet mobile phones u laptop u harab jigri l-barra. Il-valur komplessiv ta` dawn l-oggetti huwa ta` madwar elfejn erbgha mija hamsa u hamsin ewro (2,455). Charles Zammit hassu urtat b`dak li kien qieghed jigri quddiem ghajnejh u iddecieda li jigri wara dan il-malvivent sabiex jipprova jaqbdu u jisfratta din is-serqa. Waqt li Charles Zammit kien qieghed jigri warajh, Jonathan Coleiro armat bir-revolver li tah l-akkuzat Matthew Mizzi, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Charles Zammit f`periklu car, spara diversi tiri fid-direzzjoni tieghu izda b`xorti tajba tir wiehed biss laqat lil Charles Zammit fid-driegh tax-xellug. Charles Zammit, minkejja li kien milqut b`tir t`arma tan-nar, xorta wahda baqa' jigri wara Jonathan Coleiro pero` l-istess Jonathan Coleiro dahal fil-karozza Hyundai LAA741 fejn kien qed jistennih l-akkuzat Matthew Mizzi u telqu minn fuq il-post lejn Bormla. Minhabba din l-isparatura Charles Zammit kellu jiddahhal l-isptar sabiex jigi medikat pero` fortunatament il-griehi li garrab ma kkawzawx il-mewt."

**13.** Minn qari akkurat ta' din il-parti narrativa ta' l-Ewwel Kap, din il-Qorti ma ssibx illi l-Avukat Ġenerali ma setax jaddebita ukoll mal-kwalifika ta' "vjolenza", it-tentattiv ta' omiċidju volontarju. Qed issir referenza b'mod partikolari għall-partijiet sottolineati. Dan fil-fatt qed jingħad in vista tal-ġurisprudenza tagħna dwar il-komunikabilita`. L-ewwel Qorti rreferiet għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fl-20 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Zammit**, fejn l-imsemmi Joseph Zammit kien qiegħed jistenna fil-*getaway car* u kien jaf li wieħed mill-ħallelin kien armat. Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif komposta fid-19 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Pace** fejn l-imsemmi George Pace kien ukoll jaf li wieħed mill-ħallelin kien armat. Naturalment x'fatti jirriżultaw issa sta għall-ġuri.

**14.** L-appellant, fit-tieni parti ta' l-ewwel aggravju tiegħu dwar l-eċċezzjoni, isostni illi, huwa ġie addebitat b'aggravju l-elementi ta' liema ma irriżultaw bl-ebda mod mill-provi miġbura waqt l-istruttorja.

**15.** Din il-Qorti hawn tirreferi għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Giovanna Pace et** mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fit-13 ta' Ġunju 2013 fejn ittrattat aggravju simili. Hija qalet hekk:

> **"8. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-eċċezzjoni B. Hija tilmenta li minkejja li ma teżisti l-ebda prova kumpilata (u l-persuni kollha ndikati bħala xhieda fil-każ odjern kollha ddeponew fl-Istruttorja) li b'xi mod issaħħaħ it-teżi tal-prosekuzzjoni in sostenn tat-Tieni Kap. u tar-Raba' Kap. miġjuba kontra tagħha, il-Qorti Kriminali saħqet li tali deċiżjoni għandha tittieħed mill-ġurati stante li dan huwa punt ta' fatt. L-appellanti ssaqsi jekk dan huwiex ġust. Issaqsi x'inhu l-iskop tal-Qorti Kriminali matul leċċezzjonijiet.**
>
> **"9. Permezz ta' dan l-aggravju, u allura l-eċċezzjoni B, l-appellanti qed tippretendi illi l-Qorti Kriminali kellha tagħmel, u issa li din il-Qorti għandha tagħmel, apprezzament tal-provi biex tiddetermina jekk jirriżultawx it-Tieni u r-Raba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuża. Din la hi l-funzjoni ta' din il-Qorti u lanqas il-**

> **funzjoni tal-Qorti Kriminali fl-istadju ta' l-eċċezzjonijiet. Kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi jridu jiġu ndirizzati mill-ġurati. L-artikolu 436(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: 'Imiss lill-ġuri li jiddeċidi fuq dak kollu li għandu x'jaqsam dwar jekk l-akkużat hux ħati jew le, u fuq il-kwistjonijiet kollaterali msemmijin taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi; u jmiss lill-qorti li tiddeċidi fuq l-applikazzjoni tal-liġi għall-fatt kif jiġi iddikjarat mill-ġuri, kemm ukoll fuq kull punt ieħor ta' liġi jew tal-fatt dwar il-proċediment.' Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud."**

**14.** Din il-Qorti tirriafferma dak li ntqal f'dik il-kawża li japplika *mutatis mutandis* fil-każ preżenti.

**15.** Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**16.** It-tieni aggravju jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni ta' l-appellant. Huwa jgħid:

> "Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijet preliminari r-rikorrent ghamel zewg talbiet in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni, u cioe' (a) li l-istqarrija ta' Jonathan Coleiro ma taghmilx prova kontra r-rikorrent u tista' tintuza biss ghal finijiet ta' kontroll minghajr ma titqassam lill-gurati; u (b) u li 1-imhallef li ser jippresjedi 1-guri ghandu, ai termini ta' l-Artikolu 639(3) jaghti *"direttiva lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati"*.

> "Illi dwar t-tieni talba, l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet din it-talba billi rritjeniet li decizjoni dwarha tkun tista' tinghata biss wara li jinstemgha l-process kollu u mhux f'dan l-istadju. Fic-cirkostanzi, ir-rikorrent jaqbel ma' l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Onorabbli Qorti ta' l-Artiklu 639(3) u ghalhekk mhux qieghed jinterponi appell minn din id-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti koncernanti t-tieni parti tat-tielet eccezzjoni.

> "Illi dwar l-ewwel talba, pero', filwaqt li l-ewwel Onorabbli Qorti donnha laqghet din l-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni u rritjeniet illi "1-istqarrija (u mhux xhieda) ta' John Coleiro ghalhekk tista' tintuza bhala forma ta' kontroll ghal dak li jghid ix-xhud. Din m'ghandhiex titqassam lill-gurati", jidher illi bi zvista jew *lapsus calami*, l-ewwel Onorabbli Qorti rreferiet ghall-istqarrija ta' John Coleiro meta fil-fatt l-eccezzjoni tar-rikorrent kienet tikkoncerna l-istqarrija ta' Jonathan Coleiro. Ghalkemm evidentement dan huwa *lapsus calami* da parti ta' 1-ewwel Onorabbli Qorti u r-rikorrent indubjament li mhux qieghed jinterponi appell fil-mertu minn din il-parti tat-tielet eccezzjoni li effettivament intlaqghet mill-ewwel Onorabbli Qorti, ghal fini ta' precizjoni u a skans ta' kull ekwivoku, ir-rikorrent jitlob lil dina 1-Onorabbli Qorti sabiex taghmel il-korrezzjonijiet opportuni b'dana illi kull referenza ghal John Coleiro tigi sostitwita b'Jonathan Coleiro."

**17.** Jidher li dan l-aggravju ngħata *ex abundanti cautela*. Din il-Qorti sejra pero` tordna d-debita korrezzjoni.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi fejn fis-sentenza appellata, fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tielet eċċezzjoni l-ewwel Qorti tgħid: "L-istqarrija (u mhux ix-xhieda) ta' John Coleiro ghalhekk tista' tintuza bhala forma ta' kontroll ghal dak li jghid ix-xhud. Din m'ghandhiex titqassam lill-gurati", ir-referenza għal "John Coleiro" għandha tiftiehem bħala referenza għal "Jonathan Coleiro". Tiċħad l-appell fil-bqija u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-każ skond il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------